



Brussell, 3 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

06285/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0007(NLE)

---

---

TRANS 72  
SOC 82

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew rigward il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR) u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' proposta biex tippermetti l-adeżjoni tal-Mongolja mal-AETR

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Grupp ta' Esperti  
dwar il-Ftehim Ewropew rigward il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi  
involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR)  
u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport  
bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti  
fir-rigward ta' proposta biex tippermetti l-adeżjoni tal-Mongolja mal-AETR**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR)<sup>1</sup> daħal fis-seħħ fil-5 ta' Jannar 1976. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva b'rabta mas-suġġett kopert mill-AETR<sup>2</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 14(1) tal-AETR, minbarra l-Istati mhux Ewropej li diġà huma membri tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE), l-AETR huwa miftuħ għall-adeżjoni għal lista magħluqa ta' Stati mhux Ewropej biss, jiġifieri l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk u t-Tuneżija . Meta Stat mhux Ewropew li ma jkunx membru tan-NU/KEE u li ma jkunx fil-lista stabbilita fl-Artikolu 14(1) tal-AETR ikun jixtieq jaderixxi ma' mal-AETR, jeħtieġ li jsib Parti Kontraenti li tkun lesta tissottometti proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 14(1) tal-AETR, sabiex tali Stat jiġi inkluż f' dik il-lista.
- (3) Il-Mongolja tixtieq taderixxi mal-AETR. Il-Mongolja bħalissa għandha ftehimiet bilaterali ma' diversi Stati Membri tal-Unjoni, kif ukoll ma' diversi Partijiet Kontraenti oħra tal-AETR mhux tal-Unjoni. L-adeżjoni tal-Mongolja tista' tagħti ċerti benefiċċji, inklużi regoli aktar armonizzati fit-trasport internazzjonali bit-triq lejn u mill-Mongolja. L-adeżjoni tal-Mongolja mal-AETR hija għalhekk fl-interess tal-Unjoni, u għalhekk huwa xieraq li l-Unjoni tippreżenta proposta biex temenda l-AETR b'dak l-objettiv.

---

<sup>1</sup> OJ L 95, 8.4.1978, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/1977/2829/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1977/2829/oj).

<sup>2</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Marzu 1971, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, il-Kawża C-22/70, ECLI:EU:C:1971:32, il-paragrafi 30-31.

- (4) Skont l-Artikolu 21 tal-AETR, il-proposti għal emendi tal-AETR jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe Parti Kontraenti lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Qabel ma jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, il-proposti ġeneralment jiġu ppreżentati, eżaminati u approvati fil-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1). Grupp ta' Esperti dwar l-AETR ġie stabbilit mill-UNECE fil-qafas tal-AETR. Dak il-grupp huwa korp li għandu s-setgħa li jiżviluppa u jissottometti proposti għall-emendar tal-AETR lill-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1). Jenħtieġ li l-Unjoni, abbażi ta' din id-Deċiżjoni, tipproponi li l-Grupp ta' Esperti tan-NU/KEE dwar l-AETR, matul is-sessjonijiet li jmiss tiegħu, u l-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1), matul il-121 sessjoni ppjanata tiegħu mit-28 sat-30 ta' Ottubru 2026, u f'sessjonijiet sussegwenti, jiddiskutu emenda għall-AETR li tippermetti lill-Mongolja taċċedi l-AETR.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Esperti tan-NU/KEE dwar l-AETR u fil-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1), peress li l-proposta għal emenda tal-AETR li se jintalbu jiżviluppaw u japprovaw tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(6) tal-AETR.

- (6) L-Istati Membri ma għandhomx joġġezzjonaw għal notifika mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skont l-Artikolu 21(1) tal-AETR dwar l-emenda proposta li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Jekk notifika mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ma tkunx limitata għall-emenda proposta li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri ma għandhomx joġġezzjonaw għall-emenda proposta li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Grupp ta' Esperti tan-NU/KEE dwar l-AETR tiġi espressa mill-Kummissjoni, u l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) tiġi espressa mill-Istati Membri filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'sessjonijiet sussegwenti tal-Grupp ta' Esperti tan-NU/KEE dwar il-Ftehim Ewropew rigward il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR) u tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) fir-rigward ta' proposta biex jiġi emendat l-Artikolu 14(1) tal-AETR biex jippermetti lill-Mongolja taċċedi mal-AETR hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Qbil fuq bidliet formali u minuri fil-pożizzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu jista' jintlaħaq mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni fil-Grupp ta' Esperti tan-NU/KEE dwar l-AETR u mill-Istati Membri li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, fil-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1).

### *Artikolu 3*

Meta l-emenda proposta kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tkun ġiet approvata mill-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1), l-Istati Membri li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni għandhom jippreżentawha lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tal-AETR.

L-Istati Membri ma għandhomx joġġezzjonaw għal notifika mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skont l-Artikolu 21(1) tal-AETR dwar l-emenda proposta li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---